MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36

Il-Ħamis 19 t'Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' *Microsoft Teams®* nhar il-Ħamis 19 t'Awwissu 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa, li kienet qed tixxandar ukoll *live* fuq il-*website* tal-Kunsill, saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 7/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

36.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi, ma jistax jieħu sehem għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier is-Sur Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser jingħaqqad għal din il-laqgħa ftit tard. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġiji u ġew skużati.

### 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

36.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 35 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

36.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

36.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

36.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li beda jiġi mplimentat il-proġett li kien ġie magħżul wara applikazzjoni sottomessa għall-fondi ewropej tal-programm GAGF LEADER Miżura numru 4 "Rejuvinating Gozo" flimkien mal-NGOs Otters ASC u Munxar Falcons FC. Is-sejħa għall-offerti għall-akkwist ta' *synthetic turf* ġdid u l-modernizzar tas-*safety mats* għall-Ġnien il-Professur Aquilina ġiet ippubblikata, filwaqt li bdiet is-SwimPolo Campaign minn Otters ASC.

36.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li qed ikomplu l-laqgħat ta' kull xahar mas-Supretendent tal-Pulizija fejn qed jiġu mgħoddija lilhom l-ilmenti u s-suġġerimenti li jikkonċernaw lilhom.

36.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għamel talba sabiex l-iskema GreenMT tipprovdi boroż griżi biex jitqassmu lir-residenti. Huwa qal ukoll li ma' GreenMT intlaħaq ftehim sabiex jiġu nstallati CCTV cameras ħdejn il-*bring in sites* ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi. Il-Kunsill ser ikun qed jinstalla s-servizz ta' meter tad-dawl u internet biex dawn ikunu jistgħu jibdew jiffunzjonaw. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

## 36.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

36.4.1 Il-Viċi Sindku Carmen Parnis issuġġeriet sabiex hekk kif daqt jibda riesaq l-istaġun tax-xitwa, jitnaddfu l-i*storm water culverts* tal-lokalita' biex titnaqqas il-problema tal-għargħar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.4.2 Il-Kunsilliera Juliet Attard staqsiet dwar l-aċċess mill-Pjazza tal-Knisja għal Triq Tarsus u Triq Damasku. Is-Sindku għarraf lill-membri li diġa' hemm aċċess minn ħdejn il-*bus shelter* iżda ppropona wkoll sabiex jinbena taraġ temporanju n-naħa l-oħra wkoll. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.
Il-Kunsilliera Juliet Attard talbet ukoll lill-Kunsill sabiex tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex ikun aktar responsabbli. Is-Sindku nforma lill-membri li kull darba li l-Kunsill jirċievi lment dwar dan is-servizz jiġi nfurmat il-kollettur immedjatament.

## 36.5 Proġett Pjazza tal-Knisja;

36.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, informa lill-membri li ġie ffirmat il-kuntratt tax-xogħlijiet mal-kuntrattur u x-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza beda billi l-kuntrattur iċċirkonda ż-żona fejn ser isir ix-xogħol u saru xi testijiet fuq il-wiċċ tal-Pjazza sal-blat. Ix-xogħol ta' skavar mistenni jibda għada l-20 t'Awwissu 2021.

36.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill Samuel Formosa flimkien mal-kuntrattur u l-Perit tiegħu biex jitfassal il-programm tax-xogħlijiet u ġew proposti xi emendi żgħar fuq il-pjanta fosthom sabiex tiġi ppavimentata ż-żona kollha.

36.5.3 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri d-data ta' meta ser jiġi varat il-bidu tax-xogħlijiet ta' dan il-proġett flimkien mal-Ministru Għal Għawdex il-Perit Clint Camilleri nhar is-26 t'Awwissu 2021 f'nofsinhar.

36.5.4 Dwar ix-xogħlijiet fuq ir-restawr tax-xelters tal-Pjazza, is-Sindku informa lill-membri li qed isiru l-aħħar xogħlijiet filwaqt li fl-istess ħin qed nistennew li tiġi sottomessa u milqugħa l-applikazzjoni għall-meter tad-dawl.

## 36.6 Xogħlijiet ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi;

36.6.1 Is-Sindku informa lill-membri li wara konsultazzjoni mal-Perit tal-proġett Hermann Bonnici ser qed tkun tiġi sottomessa talba mal-awtorita' ta' ġestjoni tal-fondi ewropej PPCD sabiex tingħata estensjoni għat-tlestija tal-proġett sal-aħħar ta' Ġunju 2022 minħabba l-affreski li nstabu. Dawn l-affreski eventwalment ser ikun qed isir xogħol ta' restawr fuqhom sabiex jiġu kkonservati u ser tkun qed tintalab stima għal dan ix-xogħol biex tiġi sottomessa talba oħra ma' PPCD għal ċaqliq tal-fondi.

36.6.2 Is-Sindku għarraf ukoll li minħabba dan l-imprevist trid issir estensjoni tal-kuntratti mal-Perit tal-proġett kif ukoll mal-kuntrattur tax-xogħlijiet interni ta' restawr tat-Torri tax-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

## 36.7 Sejħiet għall-offerti;

36.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li saru laqgħat mal-Ministeru Għall-Ambjent u mal-Ministeru Għal Għawdex, il-Kunsill Lokali tal-Munxar flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra ser ikunu qed joħroġu sejħa għall-offerti sabiex jiġu nstallati *waste depots* mgħammra bl-aħħar teknoloġiji, biex ikun hemm fejn jinġabar l-iskart kummerċjali tal-istabilimenti. Fil-lokalita' tal-Munxar, dawn ser isiru fi Pjazza Anfori fix-Xlendi u ser ikunu qed jiġu ffinanzjati mill-Ministeru Għall-Ambjent u nkorporati fil-proġett ta' riġenerazzjoni ta' dik iż-żona li għandu jsir mill-Ministeru Għal Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

36.7.2 Is-Sindku informa lill-membri li fl-aħħar ta' Settembru 2021 ser jiskadi l-ftehim ma' GreenMT għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli u saħaq sabiex qabel dan il-ftehim jintemm issir talba għall-flus proposti relatati ma' kampanji edukattivi fil-ftehim iffirmat. Kien hemm qbil sabiex tintbagħat is-sejħa ta' konċessjoni u ssir t-talba lill-GreenMT biex jonora l-ftehim kif iffirmat.

36.7.3 Is-Sindku għarraf ukoll li bħalissa għaddejja komunikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq il-bini u r-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Santa Dminka u fl-inħawi tas-Sanap wara li kienet ġiet moghtija l-offerta għal dan ix-xogħol.

36.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill għandu jaħtar bord tal-evalwazzjoni għat-tlett sejħiet li ser jagħlqu fil-31 t'Awwissu 2021. Dawn is-sejħiet huma għax-xogħlijiet ta' tisbieħ fi Triq l-Isqawi, għall-provvediment u nstallazzjoni ta' *synthetic turf*, kif ukoll għall-provvediment u nstallazzjoni ta' *safety flooring* fil-*playingfield*. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex jinħatru s-Sur William Sultana, il-Perit Edward Scerri u l-Inġinier Mario Cauchi bħala evalwaturi tal-bord filwaqt li s-Sindku bħala *chairman* u s-Segretarju Eżekuttiv bħala segretarju tal-bord.

## 36.8 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Reports*: Jannar 2021 – Marzu 2021 (l-ewwel kwart), Jannar 2021 – Ġunju 2021 (it-tieni kwart);

36.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Marzu 2021 u mill-1 ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Ġunju 2021 li kienu ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

36.8.2 Ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart Jannar 2021 – Marzu 2021 u tat-tieni kwart Jannar 2021 – Ġunju 2021 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.9 Ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri u r-risposta tal-Kunsill;

36.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' direzzjoni mill-Awdituri fejn saru xi rimarki dwar l-*audit* li sar għas-sena 2020, kif ukoll

ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Dawn kienu ntbagħtu wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.

36.9.2 Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**36.10 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;**

36.10.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'notifika dwar l-għeluq tal-proġetti taħt il-miżura M04.4 – Support for non-productive investments tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali (2014-2020). Permezz ta' din in-notifika ġiet offruta estensjoni awtomatika ta' tlett xhur fuq id-data tal-għeluq taż-żewġ proġetti ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.2 Il-Kunsill irċieva talba għall-permess mingħand Munxar Falcons FC biex issir attivita' soċjali fi Ġnien il-Professur Aquilina nhar it-28 t'Awwissu 2021. Kien hemm qbil mill-membri sakemm il-kundizzjonijiet kollha jiġu rrispettati nkluż il-permessi mingħand il-Pulizija, l-awtoritajiet tas-saħħa, kif ukoll mingħand l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

36.10.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Transport Malta b'awtorizzazzjoni għall-implimentazzjoni ta' sinjali tat-traffiku. Din l-awtorizzazzjoni qed tkun limitata għal *double yellow lines* fuq il-ġnub tal-garaxxijiet, parkeġġi bojod, 5 metri *double yellow lines* fil-kantunieri. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ittra mill-iSkrivana tal-Kunsill dwar *increment* fin-*notch* tal-iskala għal *notch* 5 li tidħol fis-seħħ mas-salarju tax-xahar ta' Settembru 2021 'il quddiem skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.10.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar post ta' allokazzjoni għal e-scooters fil-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri li minħabba li Pjazza tal-Knisja fil-Munxar kif ukoll Pjazza Anfori fix-Xlendi, fejn kien maħsub li jiġi allokat dan il-post,

ser jiġu rriġenerati, il-proposta tintbagħat aktar 'il quddiem waqt l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti.

36.10.6 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur George Mizzi, direttur artistiku, dwar proġett ġdid f'Għawdex għat-televiżjoni lokali bl-isem ta' "Ġrajjiet Gaudos". Is-Sur George Mizzi qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Munxar għal dan il-proġett li jinkludi l-episodju numru tlettax li ser ikun iffilmjat kollu ġewwa l-istess lokalita' fil-bajja tax-Xlendi u ser ikunu nvoluti atturi mill-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tingħata l-għajnuna li veru jkun hemm bżonn.

36.10.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Ambjent Malta li qed japprovaw 50% tal-finanzjament propost fl-applikazzjoni sottomessa għal skema sabiex il-Kunsill jimplimenta proġetti ambjentali. Il-Kunsill kien issottometta applikazzjoni sabiex isir titjib fl-estetika u fil-kwalita' tal-arja tal-Pjazza billi jinxtraw *lava planters* ġodda u jitħawlu pjanti u fjuri ġo fihom. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

36.10.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Minsiteru Għal Għawdex bl-approvazzjoni sabiex is-*savings* mill-fondi li ngħataw mill-istess Ministeru għax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Munxar, jistgħu jiġu utilizzati biex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' fosthom wiċċ ġdid għal Sqaq Wied l-Għawdxija u l-installazzjoni ta' *roadhumps* fi Triq il-Munxar li diġa' kienu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsill issa qed jistenna li jiġi ffirmat *addendum* tal-kuntratt oriġinali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.10.9 Direttiva DG 4/2021 – Proġetti ta' ICT fil-Kunsilli. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mad-direzzjoni li qed tieħu d-Diviżjoni dwar dan il-qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fost miżuri li qed jittieħdu l-Kunsill ser ikollu jħallas servizz ta' *internet* temporanjament għal-*live streaming* sakemm dan jitqabbad mas-*server* il-ġdid li għadu kif ġie nstallat mill-istess diviżjoni u l-MITA fil-ġimgħat li għaddew.

36.10.10 Direttiva DG 5/2021 – Proċedura dwar sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ma' Kunsill Lokali jew Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.11 Ċirkulari DG 5B/2021 – Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.12 Risposta mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għar-rispons taċ-ċirkulari 5B/2021 Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.13 Human Rights Directorate – Equality for All in Malta Project – Request for a meeting. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.14 Euaffairs at Local Government - ESF.04.079 – Visits to EU municipalities. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.15 Ċirkulari Nru AKL 2021/073 – Kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u knis fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.16 Ċirkulari Nru AKL 2021/074 – BBQ AKL 06/08/2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.17 Ċirkulari Nru AKL 2021/075 – European week of sport. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.18 Ċirkulari Nru AKL 2021/076 – Illum ma' Steph 2021 to 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.19 Ċirkulari Nru AKL 2021/077 – Bajjiet li fihom jista' wieħed jieħu annimali domestiċi (klieb) jgħumu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

36.10.20 Ċirkulari Nru AKL 2021/078 – Malta Sustainable Development Action Days: Be Part of the Change. Il-Kunsill innota l-kontenut.

*5.45pm - Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil ingħaqqad virtwalment fil-laqgħa tal-Kunsill.*

36.10.21 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil, għarraf lill-membri tal-Kunsill dwar ħafna ilmenti li huwa ġie avviċinat bihom minn residenti u sidien ta' stabbilimenti fix-Xlendi. Huwa qal li dawn l-ilmenti kienu dwar ċitazzjonijiet li dawn in-nies irċevew relatat ma' parkeġġ fix-Xlendi stess. Is-Sur Busuttil qal li s-sidien tal-istabilimenti lmentaw minħabba li wara xhur magħluqin minħabba l-pandemija, l-uffiċċjali tal-LESA taw ħafna ċitazzjonijiet f'postijiet fejn snin preċedenti kien isir parkeġġ u qatt ma ngħataw ċitazzjonijiet.

Is-Sindku wieġeb li minħabba l-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ qed jipproponi sabiex id-*double yellow lines* ta' Triq ir-Rabat fix-Xlendi quddiem "Seashells Restaurant" u "Valley View Restaurant" jitneħħew, il-parkeġġ riservat għall-*buses* bejn il-11.00am u 3.00pm fi Pjazza Anfori jitneħħa wkoll minħabba li ftit turisti qed iżuru din il-bajja permezz tal-*buses*, kif ukoll, id-*double yellow lines* ta' quddiem il-pompa tad-drenaġġ jitneħħa biċċa minnu. Kien hemm qbil mill-membri għal dawn il-proposti sabiex jintbagħtu lil Transport Malta.

36.10.22 Ilment 56/2021
Titlob sabiex issir il-bankina tar-residenza tagħha għall-ewwel darba fi Triq Rinota k/m T/G bla isem fi Triq Rinota, Il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri biex din it-talba tiġi sottomessa fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

36.10.23 Ilment 57/2021
Jitlob sabiex fi Triq ir-Ranċis isiru *double yellow lines* matul il-*boundary wall* tal-iżvilupp. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri biex isiru s-sinjali temporanjament sakemm jitlesta l-iżvilupp.

36.10.24 Ilment 58/2021
Jitlob sabiex isiru double yellow lines quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina peress li hija bankina baxxa bil-konsegwenza li jimblokkaw l-aċċess għar-residenza kif ukoll jagħmlu l-ħsara lill-bankina. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir minn Transport Malta f'dan il-kas.

36.10.25 Ilment 59/2021
Jilmenta li xi residenti, minkejja t-tabella li hemm preżentament, xorta waħda qed jarmu ż-żibel quddiem 'Lampuka Flats', Triq Sant'Indrija fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għamel minn kollox biex jeduka lir-residenti tal-lokalita' u ser jerġa' jiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija li jkun fl-għassa fil-viċinanzi.

36.10.26 Ilment 60/2021
Titlob sabiex bħalma jsir kull sena qabel l-ewwel xita, jitnaddaf il-passaġġ għall-wied li jinsab fil-bidu ta' Triq San Pawl fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.10.27 Ilment 61/2021
Titlob sabiex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Puniċi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jerġa' jinżebagħ dak il-parkeġġ riservat li diġa' hemm preżentament biex jidher u jintuża' aktar.

36.10.28 Ilment 62/2021
Titlob sabiex issir manutenzjoni fuq ir-rampa tal-bankina tar-residenza tagħha fi Triq Damasku fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.10.29 Ilment 63/2021
Jitlob sabiex isir xogħol ta' żbir tas-siġar tal-*oleander* fi Triq il-Qsajjem minħabba li kibru ħafna u qed jikkawżaw periklu għas-sewwieqa. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi nfurmat is-sid ta' dik ir-residenza.

36.10.30 Ilment 64/2021
Jitlob sabiex isir xogħol ta' tindif fil-wied tax-Xlendi faċċata tal-Knisja tax-Xlendi 'il ġewwa mill-*pit* tal-ilma. Kien hemm qbil mill-membri li ssir talba mas-sezzjoni tal-*Public Cleansing* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

36.10.31 Ilment 65/2021
Jissuġġerixxi sabiex jiġu nstallati żewġ *stop signs* żgħar fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar maż-żewġ *bollards* sofor u s-suwed, biex min ikun ġej minn Triq San Pawl għat-triq prinċipali tal-pjazza jieqaf. Kien hemm qbil dwar dan speċjalment bħalissa minħabba x-xogħlijiet tal-pjazza.

36.10.32 Ilment 66/2021
Resident jitlob sabiex jiġi nvestigat kas ta' qtugħ ta' siġar u xogħlijiet oħra possibilment mingħajr permessi li qed isiru f'parti minn T/G fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi biex jittieħed vantaġġ personali. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand l-awtoritajiet relevanti.

36.10.33 Ilment 67/2021
Talba sabiex terġa' tinżebagħ il-*keep clear parking bay* fi Triq il-Puniċi fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri tal-Kunsill.

36.10.34 Ilment 68/2021
Jitlob sabiex jiġu estiżi *double yellow lines* li hemm fi Triq Ras il-Bajada minħabba li mhux qed ikollu aċċess liberu bil-*push chair* minħabba

vetturi pparkjati. Kien hemm qbil sabiex isir *traffic management plan* mill-Perit tal-Kunsill għal dik iż-żona.

36.10.35 Ilment 69/2021
Jitlob sabiex issir mera tat-traffiku ġdida quddiem T/G fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi minħabba l-periklu għas-sewwieqa x'ħin joħorġu minn dik it-triq għal Triq il-Qsajjem. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

36.10.36 Ilment 70/2021
Jissuġġerixxi sabiex tiġi nstallata *bus shelter* ħdejn il-*bus stop* li hemm fi Triq il-Qsajjem fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill dwar il-permessi meħtieġa.

## 36.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

36.11.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 36/2021-8 għall-perjodu bejn it-23 ta' Lulju 2021 u d-19 t'Awwissu 2021 li tammonta għal €22,401.24 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Carmen Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil is-sekondant.

## 36.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv